Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,601, 7 ta' April, 1998
Taqsima B

A.L. 95 ta' l-1998

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1998 tal-Kors għas-Certificate in the Teaching of English as a Foreign Language - Cert. TEFL

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30 (5) u 31 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Universita' ta' Malta ippromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Universita' ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1998 tal-kors għas-Certificate in the Teaching of English as a Foreign Language - Cert. TEFL.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xorta'oħra -

"il-Bord" ifisser il-Bord tal-Fakulta' ta' l-Edukazzjoni;

"il-Bord ta' l-Istudji" ifisser il-Bord ta' l-Istudji appuntat għall-Kors;

'iċ-Ċertifikat" ifisser is-Certificate in the Teaching of English as a Foreign Language - Cert.TEFL; u

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għas-Certificate in the Teaching of English as a Foreign Language - Cert. TEFL.

Applikabilita'

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1997 jew wara.

Eliġibilita' għaċ-Ċertifikat

3. Biex ikun eliġibbli għall-għoti taċ-Ċertifikat, l-istudent għandu:

(a) jkun reġistrat bħala student fil-Kors;

(b) jtemm il-kors ta' l-istudji, jgħaddi mill-Eżamijiet Finali u jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti f'dawn ir-regolamenti; u

(ċ) jissodisfa r-rekwiżiti l-oħra kollha preskritti fi statuti, regolamenti u ordinamenti oħra ta' l-Universita'.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

4. (1) Il-kandidati jistgħu jkunu rreġistrati għall-Kors jekk ikunu fil-pussess jew ta' grad ta' kwalifika f'Livell Avanzat fl-Ingliż bi Grad Ċ jew aħjar, jew ta' ċertifikat ekwivalenti.

(2) Il-kandidati jistgħu jintalbu li jipprovdu evidenza tal-proficjenza tagħhom fil-Lingwa Ingliża.

It-Tul tal-Kors

5. (1) Il-Kors hu mifrux fuq sena ta' studju fuq bażi *part-time*. L-istudenti għandhom itemmu l-Kors f'mhux inqas minn żewġ semestri u f'mhux iktar minn sentejn. F'ċirkustanzi speċjali, il-Bord jista' jħalli studenti li jagħmlu sena oħra ta' studji biex itemmu l-Kors.

Il-Programm tal-Kors

6. (1) Il-programm tal-Kors għandu jikkonsisti fi:

(a) ħmistax-il taqsima studju, li għal kull waħda għandu jingħata kredtu, fl-oqsma ta' studju li ġejjin:

Prinċipji Bażiċi tat-Tagħlim ta'l-Ingliż bħala Lingwa Barranija;
Strateġiji ta' Tagħlim ta' l-Ingliż bħala Lingwa Barranija;
Materials Design and Development fit-Tagħlim ta' l-Ingliż bħala Lingwa Barranija;

(b) Prattika tat-Tagħlim li għandha ssir fi skola tal-lingwi approvata jew f'sitwazzjoni ta' tagħlim ta' l-Ingliż għal Għanijiet Speċifiċi; u

(ċ) Esej Twil/Proġett.

(2) Katalgu ta' taqsimiet studju, li jindika l-kredti assenjati għal kull waħda u liema taqsimiet studju huma obbligatorji, għandu jkun ippublikat qabel il-bidu tal-Kors.

Il-Valutazzjoni

7. (1) L-istudenti għandhom ikunu valutati fit-taqsimiet studju skond il-kriterji stabbiliti mill-Bord ta' l-Istudji.

(2) L-istudenti jkunu kkunsidrati li ssodisfaw il-kriterji ta' valutazzjoni tal-Kors jekk huma:

(a) jiksbu minimu ta' tnax-il kredtu;
(b) jgħaddu fil-Prattika tat-Tagħlim;
(ċ) jgħaddu mill-Esej Twil/Proġett; u
(d) jgħaddu mill-Eżamijiet Finali.

(3) L-istudenti li jeħlu fil-valutazzjoni ta' taqsima studju għandhom jiġu valutati mill-ġdid darba biss. Jekk jgħaddu, l-ogħla grad li jista' jinkiseb huwa l-grad D. Fil-każ li jeħlu fit-taqsimiet studju prattiċi, l-istudenti jkunu meħtieġa jirrepetu t-taqsimiet studju.

Il-Prattika tat-Tagħlim

8. (1) Il-Prattika tat-Tagħlim għandha tinfirex fuq erba'/ħames ġimgħat u għandha ssir fi skola tal-lingwi approvata jew f'sitwazzjoni ta' tagħlim ta' l-Ingliż għal Għanijiet Speċifiċi.

(2) Il-valutazzjoni tal-Prattika tat-Tagħlim għandha tkun fuq bażi Għadda/Weħel.

(3) L-istudenti li jeħlu fil-Prattika tat-Tagħlim jitħallew jirrepetu l-Prattika tat-Tagħlim darba, fi żmien tnax-il xahar mill-aħħar jum ta' l-Eżamijiet Finali. Fil-każ li jeħlu fil-Prattika tat-Tagħlim ripetuta, l-istudenti għandhom ikunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

L-Esej Twil / Il-Proġett

9. (1) L-istudenti għandhom jagħtu Esej Twil ta' mhux inqas minn tlett elef kelma, jew Proġett li jitqies ta' l-istess livell akkademiku sa mhux iktar tard mill-aħħar jum ta' l-Eżamijiet Finali.

(2) Is-suġġett ta' l-Esej Twil/Proġett għandu jkun sottomess għall-approvazzjoni tal-Bord ta' l-Istudji, sa mhux aktar tard minn xahrejn qabel l-Eżamijiet Finali.

(3) L-istudenti li ma jissodisfawx lill-eżaminaturi fl-Esej Twil/Proġett għandhom jitħallew jerġaw jippreżentawh darba oħra fi żmien sitt xhur.

L-Eżamijiet Finali

10. (1) L-Eżamijiet Finali għandhom jikkonsistu f'żewġ karti sinottiċi bil-miktub.

(2) L-istudenti li jeħlu f'waħda jew fiż-żewġ karti ta' l-eżami għandhom jitħallew jagħmlu riparatorju fil-karta jew fil-karti li fihom jeħlu darba oħra fi żmien mhux aktar minn sitt xhur mid-data tal-publikazzjoni tar-riżultati. Il-grad massimu li jista' jingħata wara din is-sessjoni riparatorja huwa l-grad D.

Ir-Riżultat Finali

11. (1) Ir-riżultat finali ta' kull student għandu jqis ix-xogħol tiegħu fit-taqsimiet studju, fil-Prattika tat-Tagħlim, fl-Esej Twil/Proġett u fl-Eżamijiet Finali.

(2) L-ismijiet ta' l-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti taċ-Ċertifikat għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda.